**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 461/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jeffrey Scicluna)**
**(Spettur Mario Xiberras)**
**(Spettur Jeanetta Grixti)**

**Vs**

**Janis Caruana**

**Illum 30 ta' Awwissu 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' Janis Caruana ta' sitta u tletin (36) sena, iben Alexander u Mary neè D'Amato, imwieled il-Pietà nhar it-22 ta' Novembru 1985, residenti f'Door 8, Daħlet Ġnien is-Sultan, Valletta, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 577785(M), talli nhar l-20 ta' Awwissu 2022 għall-ħabta tal-ħamsa ta' filgħodu (05:00hrs) ġewwa Triq ix-Xitwa, Qormi, u f'dawn il-Gżejjer:

1. Volontarjament ta n-nar lill-vettura ta' l-għamla Toyota bin-Numru ta' Reġistrazzjoni BBV-451 waqt illi ma kien hemm l-ebda persuna ġewwa u filwaqt illi n-nar kien qiegħed b'mod li ma jistax iqabbad ħruq f'bini ieħor, għarix jew lok ieħor, fejn waqt il-ħruq ikun hemm xi persuna hemm ġewwa, għad-detriment ta' Jeremy James Farrugia minn Birkirkara u/jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra, u liema nar ikkaġuna ħsara fil-vettura EBD-389 ta' l-għamla Kia għad-detriment ta' Fredu Magro, fil-vettura FBJ-648 ta' l-għamla Opel għad-detriment ta' Salvina Agius u/jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra, kif ukoll ħsarat mal-faċċata tal-fond Blk 64, Triq ix-Xitwa, Qormi, għad-dannu ta' Mary Grace Magro u/jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin lok u ċirkostanzi, kiser il-kondizzjonijiet imposti fuqu b'Digriet datat 16 ta' Settembru 2021 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dott. Gabriella Vella LL.D., li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kondizzjonijiet;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex: (i) tittratta ma' Janis Caruana bħala reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li dan kien misjub ħati b'sentenza jew sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula; (ii) flimkien mal-piena applikabbli għall-imsemmija reati, tirrevoka *contrario imperio* d-Digriet għal ħelsien mill-arrest u tordna r-riarrest ta' Janis Caruana, kif ukoll tordna li s-somma ta' ħames mitt Euro (€500) bħala depożitu u għaxart elef Euro (€10,000) bħala garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta;

Rat li l-imputat wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet minnu kkonfermata wara li ai termini ta' l-Artikolu 392A(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti wissietu bl-iktar mod solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' l-ammissjoni tiegħu u tatu biżżejjed żmien biex jerġa' jirrikonsidraha u jerġa' lura minnha;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni ossia l-Fedina Penali ta' l-imputat - Dok. "A", estratt taċ-Ċertifikat tat-Twelid ta' l-imputat - Dok. "B", rapport tal-Pulizija dwar il-każ - Dok. "Ċ" u stqarrija awdjoviżwali ta' l-imputat - Dok. "D";

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli nhar l-20 ta' Awwissu 2022 għall-ħabta tal-ħamsa ta' filgħodu (05:00hrs) ġewwa Triq ix-Xitwa, Qormi, u f'dawn il-Gżejjer: (i) volontarjament ta n-nar lill-vettura ta' l-għamla Toyota bin-Numru ta' Reġistrazzjoni BBV-451 waqt illi ma kien hemm l-ebda persuna ġewwa u filwaqt illi in-nar kien qiegħed b'mod li ma jistax iqabbad ħruq f'bini ieħor, għarix jew lok ieħor, fejn waqt il-ħruq ikun hemm xi persuna hemm ġewwa, għad-detriment ta' Jeremy James Farrugia minn Birkirkara u/jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra, u liema nar ikkaġuna ħsara fil-vettura EBD-389 ta' l-għamla Kia għad-detriment ta' Fredu Magro, fil-vettura FBJ-648 ta' l-għamla Opel għad-detriment ta' Salvina Agius u/jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra, kif ukoll ħsarat mal-faċċata tal-fond Blk 64, Triq ix-Xitwa, Qormi, għad-dannu ta' Mary Grace Magro u/jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra; (ii) u aktar talli fl-istess data, ħin lok u ċirkostanzi, kiser il-kondizzjonijiet imposti fuqu b'Digriet datat 16 ta' Settembru 2021 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dott. Gabriella Vella LL.D., li permezz tiegħu huwa ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kondizzjonijiet.

Il-Prosekuzzjoni in oltre titlob li l-Qorti tittratta ma' l-imputat bħala reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u sabiex flimkien mal-piena applikabbli għall-imsemmija reati, tirrevoka *contrario imperio* d-digriet għal ħelsien mill-arrest u tordna r-riarrest ta' l-imputat, kif ukoll tordna li s-somma ta' ħames mitt Euro (€500) bħala depożitu u għaxart elef Euro (€10,000) bħala garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta.

L-imputat wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati dedotti fil-konfront ta' l-imputat u minnu ammessi w il-fedina penali kopjuża ta' l-imputat, iżda ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputat irreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri.

Għaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(b), 31, 49, 50, 318 u 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati, fuq ammissjoni tiegħu stess, ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu u qed tqisu wkoll bħala reċidiv, u konsegwentement tikkundannah għal sentejn (2) u sitt (6) xhur priġunerija effettiva.

Ai termini ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tirrevoka *contrario imperio* d-Digriet maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) presjeduta mill-Maġistrat Dr. Gabriella Vella fis-16 ta' Settembru 2021 in forza ta' liema l-imputat ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kondizzjonijiet, u tordna r-ri-arrest immedjat tiegħu. Tordna wkoll l-konfiska a favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' ħames mitt Euro (€500) rappreżentanti d-depożitu impost fuq l-imputat bl-imsemmi Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest datat 16 ta' Settembru 2021.

Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**